BANK ĊENTRALI TA' MALTA

EUROSISTEMA

CENTRAL BANK OF MALTA

STATISTIKA MONETARJA TA' KULL XAHAR

**Ħarġa Nru. 04/2010**

**Lulju 2010**

Il-Bank Ċentrali ta' Malta għadu kif ħareġ l-istqarrija tiegħu dwar l-istatistika monetarja ta' kull xahar għal Lulju 2010[1].

Il-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) residenti f'Malta għall-aggregat monetarju sħiħ (M3) taż-żona tal-euro kibret b'1.0%, jew b'EUR94.2 miljun, f'Lulju, biex laħqet EUR9.2 biljuni. Minħabba f'hekk, ir-rata annwali tat-tkabbir tagħha rrankat għal 3.2% minn 2.6% f'Ġunju.

Il-komponent monetarju ristrett (M1) kiber b'EUR50.6 miljun, jew 1.0%, fuq dak ta' Ġunju minħabba żieda fid-depożiti *overnight* ta' residenti Maltin[2]. Dawn id-depożiti kibru b'1.1%, minħabba li żdiedu l-bilanċi miżmuma minn individwi, kumpaniji pubbliċi mhux finanzjarji u intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek. B'kuntrast ma' dan, kien hemm tnaqqis marġinali fid-depożiti *overnight* ta' residenti oħra taż-żona tal-euro. Sadanittant, l-ammont ta' flus maħruġa kiber b'EUR7.1 miljuni, jew 1.1%. Kollox ma' kollox, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-M1 battiet minn 19.5% f'Ġunju għal 18.7% f'Lulju.

Il-komponent monetarju intermedju (M2) kompla jikber matul ix-xahar b'żieda ta' 0.9% jew EUR79.4 miljun. Dan kien dovut għaż-żieda fl-M1 flimkien ma' żieda fid-depożiti marbuta għal sentejn jew anqas li kibru b'0.7% jew EUR29.4 miljun wara li kienu naqsu għal tliet xhur in fila. Din iż-żieda ġiet primarjament minn żieda fid-depożiti ta' residenti Maltin, minħabba bilanċi akbar miżmuma minn kumpaniji tal-assikurazzjoni u minn intermedjarji oħra finanzjarji li mhumiex banek. Bil-maqlub, depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' tliet xhur jew anqas ċkienu bi ftit.

---

[1] L-istatistika monetarja u bankarja issa tinkludi statistika dwar fondi tas-swieq tal-flus.

[2] It-termini "residenti Maltin" jew "residenti ta' Malta" jinkludu individwi, korporazzjonijiet mhux finanzjarji, kumpaniji tal-assikurazzjoni, istituzzjonijiet oħra finanzjarji li mhumiex banek u s-settur governattiv ġenerali f'Malta.

Kollox ma' kollox, id-depożiti ta' residenti Maltin kibru b'EUR65.7 miljun f'Lulju minħabba żieda fid-depożiti *overnight* u fid-depożiti marbuta għal sentejn jew anqas. B'riżultat ta' dan, ir-rata tat-tkabbir annwali tad-depożiti tar-residenti rrankat għal 3.8% minn 3.4% f'Ġunju.

Fir-rigward tal-kontropartijiet tal-M3, is-self lir-residenti Maltin ċkien b'EUR4.6 miljuni, jew 0.1% matul Lulju. Dan ġara minkejja żieda fil-bilanċi ta' *bills* tat-Teżor miżmuma mill-IFM, li kkontribwiet għal tkabbir ta' EUR40.3 miljun fis-self lill-gvern ġenerali. Mill-banda l-oħra, is-self lil residenti barra s-settur tal-gvern ġenerali naqas b'EUR44.9 miljun, jew 0.6%, hekk kif naqas is-self lil kumpaniji mhux finanzjarji.

B'riżultat ta' dan, ir-rata tat-tkabbir annwali tas-self lil residenti Maltin battiet għal 7.2% f'Lulju minn 7.9% f'Ġunju. Fil-livell ta' 5.8%, ir-rata tat-tkabbir annwali tas-self lir-residenti Maltin barra s-settur tal-gvern ġenerali naqqset ir-ritmu minn 6.8% xahar qabel.

Sadanittant, is-self lil residenti ta' Stati Membri oħra taż-żona tal-euro ċkien b'EUR137.6 miljun, hekk kif naqas is-self lill-intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek u lil kumpaniji mhux finanzjarji. B'riżultat ta' dan, matul ix-xahar kopert, is-self lir-residenti kollha taż-żona tal-euro ċkien b'EUR142.2 miljun, jew 1.0%.

Il-kontroparti esterna tal-M3, li tirrifletti transazzjonijiet bejn l-IFM residenti f'Malta u dawk residenti f'pajjiżi barra ż-żona tal-euro, żdiedet b'EUR564.1 miljun, jew 6.4% f'Lulju. Dan ġara minħabba tnaqqis qawwi fl-obbligazzjonijiet tal-IFM lejn residenti barra ż-żona tal-euro. B'mod partikolari, naqsu d-depożiti fissi ta' kumpaniji privati mhux finanzjarji u ta' intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek kif ukoll naqas is-self barrani meħud minn banek residenti. Fil-frattemp naqsu wkoll b'ammont ferm iżgħar, l-obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro lejn l-IFM minħabba tnaqqis fis-self mogħti lil kumpaniji mhux finanzjarji residenti barra ż-żona tal-euro.

B'kuntrast ma' dan, il-kontropartijiet l-oħra tal-M3 żdiedu bi EUR327.7 miljun, jew 2.4%, matul ix-xahar kopert. Dan ġara l-aktar minħabba żieda fl-"obbligazzjonijiet oħra netti" li jinkludu transazzjonijiet bejn il-banek fiż-żona tal-euro. Min-naħa tagħha, dan irrifletta tnaqqis fit-titoli li mhux ishma

maħruġa minn banek residenti band'oħra fiż-żona tal-euro u miżmuma minn banek Maltin.

Ir-rata tal-imgħax medja ppeżata, kif applikata minn banek residenti fuq depożiti tal-klijenti baqgħet stabbli fil-livell ta' 1.37% filwaqt li dik applikabbli għal self kibret b'6 punti bażi minn Ġunju għal 4.75%.

***Aktar informazzjoni ekonomika u monetarja tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali ta' Malta www.centralbankmalta.org***

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## IL-KONTRIBUZZJONI TAL-IFMs RESIDENTI
## LILL-AGGREGATI MONETARJI TAŻ-ŻONA TAL-EURO U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAGĦHOM (1)

*€ miljuni*

| | | Lul-10 | Gun-10 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Lul-09 | Bidla Annwali | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-AGGREGATI MONETARJI (2)** | | | | | | | | |
| **L-AGGREGAT RISTRETT (M1)** | **1** | **4,939.8** | **4,889.2** | **50.6** | **1.0** | **4,161.2** | **778.6** | **18.7** |
| Flus maħruġa (3) | 1.1 | 661.6 | 654.5 | 7.1 | 1.1 | 618.9 | 42.7 | 6.9 |
| Depożiti *overnight* (4) | 1.2 | 4,278.2 | 4,234.7 | 43.4 | 1.0 | 3,542.3 | 735.9 | 20.8 |
| li minnhom: depożiti ta' residenti lokali | 1.2.1 | 4,171.5 | 4,127.9 | 43.6 | 1.1 | 3,452.1 | 719.4 | 20.8 |
| **L-AGGREGAT INTERMEDJU (M2)** | **2** | **9,026.3** | **8,946.9** | **79.4** | **0.9** | **8,701.7** | **324.6** | **3.7** |
| L-aggregat ristrett (M1) | 2.1 | 4,939.8 | 4,889.2 | 50.6 | 1.0 | 4,161.2 | 778.6 | 18.7 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas (4) | 2.2 | 111.3 | 111.9 | -0.6 | -0.5 | 110.8 | 0.5 | 0.5 |
| li minnhom: depożiti ta' residenti lokali | 2.2.1 | 111.2 | 111.9 | -0.6 | -0.5 | 110.7 | 0.5 | 0.5 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas (4) | 2.3 | 3,975.2 | 3,945.8 | 29.4 | 0.7 | 4,429.8 | -454.6 | -10.3 |
| li minnhom: depożiti ta' residenti lokali | 2.3.1 | 3,868.6 | 3,845.9 | 22.7 | 0.6 | 4,290.3 | -421.6 | -9.8 |
| **L-AGGREGAT SĦIĦ (M3)** | **3** | **9,221.1** | **9,126.9** | **94.2** | **1.0** | **8,933.9** | **287.2** | **3.2** |
| L-aggregat intermedju (M2) | 3.1 | 9,026.3 | 8,946.9 | 79.4 | 0.9 | 8,701.7 | 324.6 | 3.7 |
| Self kontra titoli | 3.2 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| Titoli ta' self li nħarġu għal sentejn jew anqas (5) | 3.3 | 194.8 | 180.0 | 14.8 | 8.2 | 232.2 | -37.4 | -16.1 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAL-M3** | | | | | | | | |
| **IL-KONTROPARTI TAS-SELF** | **4** | **14,049.9** | **14,192.1** | **-142.2** | **-1.0** | **12,168.6** | **1,881.2** | **15.5** |
| Self lill-gvern ġenerali | 4.1 | 3,737.3 | 3,701.1 | 36.2 | 1.0 | 2,602.9 | 1,134.5 | 43.6 |
| li minnu: self lil gvern ġenerali Malti | 4.1.1 | 2,172.6 | 2,132.3 | 40.3 | 1.9 | 1,933.0 | 239.6 | 12.4 |
| Self lil setturi oħra | 4.2 | 10,312.5 | 10,490.9 | -178.4 | -1.7 | 9,565.8 | 746.7 | 7.8 |
| li minnu: self lil residenti lokali | 4.2.1 | 7,906.7 | 7,951.6 | -44.9 | -0.6 | 7,471.6 | 435.1 | 5.8 |
| **IL-KONTROPARTI ESTERNA** | **5** | **9,386.1** | **8,822.0** | **564.1** | **6.4** | **6,513.9** | **2,872.2** | **44.1** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro | 5.1 | 30,270.2 | 30,482.2 | -212.0 | -0.7 | 25,354.5 | 4,915.8 | 19.4 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro (-) | 5.2 | 20,884.1 | 21,660.2 | -776.1 | -3.6 | 18,840.5 | 2,043.6 | 10.8 |
| **IL-KONTROPARTIJIET L-OĦRA** | **6** | **14,214.8** | **13,887.1** | **327.7** | **2.4** | **9,748.6** | **4,466.2** | **45.8** |
| Obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali | 6.1 | 600.6 | 597.3 | 3.2 | 0.5 | 548.4 | 52.2 | 9.5 |
| Obligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal | 6.2 | 11,030.8 | 11,031.9 | -1.1 | 0.0 | 5,014.9 | 6,015.9 | 120.0 |
| Obbligazzjonijiet oħra (netti) | 6.3 | 2,583.5 | 2,257.9 | 325.6 | 14.4 | 4,185.3 | -1,601.8 | -38.3 |

(1) Il-figuri juru l-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) Maltin g ħat-totali taż-żona tal-euro.

(2) Data dwar l-aggregati monetarji jinkludu obbligazzjonijiet fuq depożiti kemm lil residenti ta' Malta kif ukoll lil residenti oħra fiż-żona tal-euro.

(3) Dan ma jirrappreżentax kejl tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni f'Malta. Dan jinkludi s-sehem tal-Bank Centrali ta' Malta mill-karti tal-flus tal-euro maħruġa mill-Eurosistema, skont l-*allocation key* tal-karti tal-flus (li tirrifletti s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta fil-kapital imħallas tal-BĊE), kif ukoll muniti maħruġa mill-Bank f'isem it-Teżor wara li jiġi mnaqqas il-valur ta' karti tal-flus u muniti tal-euro miżmuma mis-settur tal-IFM. Għall-2008, ġew inklużi l-karti tal-flus u l-muniti tal-lira Maltija li għadhom ma ssarrfux. Dan għalhekk jirrappreżenta l-ammont li jifdal ta' flus li nħarġu wara li jitnaqqsu l-karti tal-flus u l-muniti tal-euro (u temporanjament il-flus tal-lira Maltija) miżmuma minn IFM f'Malta.

(4) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

filliera turi l-ammonti netti (ħruġ ta' titoli bl-ammont miżmum minn IFM f'Malta mnaqqas) u jistgħu jkunu negattivi. Il-figuri jinkludu wkoll ishma/unitajiet ta' fondi li jinvestu fi swieq tal-flus (MMF).

**Noti:**

L-aħħar data għandha titqies bħala proviżorja. Is-sinjal '+' jfisser bidla perċentwali ta' aktar minn +/- 100.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.